**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Hamsa u Sittin (65)**

**21 ta' Frar 2023**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Victor John Curmi - Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aaron Agius – Vici Sindku
Stefan Bajada - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

65.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard ipprezenta u qara l-ittri ta' apologija tal-Vici Sindku Aaron Agius u tal-Kunsillier Stefan Bajada li ma setghux jattendu ghal-laqgha tal-lum minhabba ragunijiet ta' xoghol.

65.1.2 Il-Kunsilliera prezenti unanimament accettaw din l-apologija.

**65.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-24 ta' Jannar 2023**

65.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 63 li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2023.

**65.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha b'urgenza tal-31 ta' Jannar 2023**

65.3.1 Il-Kunsill approva b'zewg voti favur u astensjoni wahda l-minuti tal-laqgha b'urgenza tal-Kunsill numru 64 li saret nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2023.

65.3.2 Il-Kunsillier Anthony Attard astjena minn dan il-vot peress li hu ma kienx prezenti ghal-laqgha b'urgenza li ssejhet fil-31 ta' Jannar 2023.

**65.4 Approvazzjoni tal-*unaudited financial statements* tal-Kunsill ghas-sena 2022**

65.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta lill-Kunsill l-*unaudited financial statements* tal-Kunsill ghas-sena 2022, kif prezentati mill-*accountant* tal-Kunsill.

65.4.2 Il-Kunsill approva unanimament dawn il-*financial statements* li ser jintbagħtu lill-Awditur Generali, lill-awdituri tal-Kunsill u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**65.5 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

65.5.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li sad-data u l-hin tal-gheluq tas-sottomissjonijiet ta' offerti ghax-xoghol ta' installazzjoni ta' fanali dekorattivi fl-isqaq magenb l-iskola primarja tax-Xaghra, ma kien hemm l-ebda offerent.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li din is-sejha ghall-offerti ghandha tigi ippubblikata mill-gdid b'*accelerated procedure*.

65.5.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li prezentament ninsabu ghaddejjin bil-perijodu ta' appell fuq iz-zewg *tenders* tal-bini tac-Centru Civiku u x-xoghol ta' asfaltar ta' parti minn Triq Marga.

Is-Sindku qed jittama li ma jkunx hemm appelli sabiex matul ix-xahar ta' Marzu nkunu nistghu naghtu bidu ghal dawn iz-zewg progetti magguri fil-lokalita' taghna.

65.5.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ghandna nibdew bil-preparamenti taghna ghall-organizazzjoni tal-attivita' ta' Jum ix-Xaghra.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li din is-sena c-cerimonja ta' Jum il-Lokalita' ghandha tinzamm nhar is-Sibt 29 ta' April. Fis-7.00pm issir Quddiesa fil-Knisja Bazilika ta' Marija Bambina li tkun segwita minn cerimonja kommemorattiva fis-Sala 'Dun Alwig Camilleri' fil-Kazin tal-Banda *Victory*. Waqt din ic-cerimonja, jinghata l-unur 'Gieh ix-Xaghra 2023' lill-persuna li tkun kwalifikat ghalih.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li ghandna naghtu tifkira lil Mro. Joe Galea fl-ahhar sena tieghu bhala Surmast tal-Banda *Victory*. Ser niccekkjaw ma' Alvin Scicluna dwar il-possibilita' li jsir *feature* dwar postijiet ta' interess storiku jew leggendi marbuta max-Xaghra biex jintwera waqt l-attivita'. Ser naghmlu stedina lill-Kor tat-tfal tal-iskola primarja sabiex ikantaw l-Innu tax-Xaghra waqt l-attivita' ta' Jum il-Lokalita'.

Il-Kunsill qabel li ghandna nohorgu n-nominazzjonijiet ghall-Premju Gieh ix-Xaghra ta' din is-sena bil-ghan li din il-materja tigi deciza fil-laqgha li jmiss.

65.5.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bdejna bil-preparamenti taghna ghall-organizazzjoni tal-festival tat-tin u ikel tradizzjonali Malti li ser isir nhar is-Sibt 24 ta' Gunju 2023 fi Pjazza Il-Vitorja.

Is-Sindku qal li matul il-gimghat li ghaddew kellu zewg laqghat virtwali mas-Sur Quinton Scerri u anke mas-Sur Richard Grech rigward il-possibilita' li xi hadd minnhom ikun responsabbli mill-ko-ordinament tal-kumpaniji lokali li ser jesebixxu l-prodotti taghhom waqt dan il-festival.

Is-Sindku qal li s-Sur Richard Grech mhux ser ikun disponibbli minhabba li ser ikun imsiefer. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu stima minghand is-Sur Quinton Scerri sabiex jikko-ordina l-i*stalls* li ser jippartecipaw fil-festival tat-tin.

Fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li ghandna nohorgu sejha ghal kantanti Xaghrin li jixtiequ jippartecipaw f'din l-attivita' u naghmlu siegha ta' talent Xaghri fl-ewwel parti ta' dan il-festival.

*Il-Kunsillier Anthony Attard irtira mil-laqgha fis-5.50pm. Peress li ma kienx hemm kworum kif stabbilit fl-Att dwar il-Gvern Lokali, il-laqgha giet aggornata sine die.*

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**